# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 56/2011/1 MCH**

**Mary Louise Briffa**

***v.***

**Maria Bartolo, Clayton Bartolo u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Frar 2017 li ċaħdet it-talba tagħha għal dikjarazzjoni illi testment ma jiswiex. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi tgħid illi kienet għamlet żmien tmexxi n-negozju ta' ħuha Mario Bartolo f'ħanut ġewwa Bormla. Qatt ma tħallset għal dan, u l-qligħ kien imur kollu għal Mario Bartolo. Biex ipattilha, iżda, Mario Bartolo kien

wegħedha illi kien sejjer iħallilha l-ħanut b'testment. Fil-fatt, b'testment tal-10 ta' Novembru 2008 fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras, Bartolo, wara li ħatar lil martu, il-konvenuta Maria Bartolo, u ż-żewġ uliedu, il-konvenut Clayton u Marilyn, bħala werrieta, ħalla lill-attriċi b'legat il-proprjetà tal-ħanut.

3. Mario Bartolo miet fis-16 ta' Mejju 2009. Wara mewtu, mir-riċerki testamentarji irriżulta li b'testment tal-20 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia kien ħassar kull testment li għamel qabel u ħatar lill-konvenuta Maria Bartolo werrieta tiegħu. Ukoll, b'kuntratt tal-5 ta' Mejju 2009 – ħdax-il (11) jum qabel mewtu – fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia, ta b'titolu ta' donazzjoni lil Clayton Bartolo l-istess ħanut li kien wiegħed lill-attriċi.

4. L-attriċi tgħid illi "fl-aħħar xhur u jiem ta' ħajtu, saħħet Mario Bartolo tant iddeterjorat illi ma kienx fi stat illi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu jew li jaqra u jiffirma xi dokument" u għalhekk temmen illi ma kienx hu illi ffirma t-testment tal-20 ta' Jannar 2009 u d-donazzjoni tal-5 ta' Mejju 2009. Tgħid ukoll illi, ukoll jekk tassew "sab mezz jagħmel u jiffirma dan it-testment u d-donazzjoni sussegwenti, hu ma kienx f'kundizzjoni fiżika u mentali li jagħmel dawn l-atti" u illi, ukoll jekk it-testment "kien wieħed ġenwin, … … … it-testment ma setax sar ħlief bi frodi, qerq, ingann, u/jew theddid".

5. L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża[1] u talbet illi l-qorti:

---

1 L-attriċi fetħet ukoll kawża oħra fl-istess ismijiet (rik. nru 57/2011) biex timpunja d-donazzjoni, u dik il-kawża mxiet flimkien ma' din. Fil-kawża l-oħra l-ewwel qorti ħassret id-donazzjoni għax sabet illi l-firma ta' Mario Bartolo kienet falza.

»1. tiddikjara li t-testment datat l-20 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia huwa falz, mhux awtentiku u/jew sar minn persuna mhux kapaċi tagħmel testment u/jew sar bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u minaċċi u li fi kwalunkwe każ dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo;

»2. tiddikjara li t-testment datat l-20 ta' Jannar 2009 huwa null u bla effett fil-liġi;

»3. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jaġixxi skond dawk il-provvedimenti kollha li dik il-qorti jidhrilha xierqa u neċessarji li tagħti lilu fiċ-ċirkostanzi sabiex l-atti fir-Reġistru Pubbliku jkunu jirrispekkjaw il-verità tal-fatti kif stabbiliti fil-kawża odjerna;

»Bl-ispejjeż.«

6. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Din il-kawża tirrigwarda l-validità ta' testment magħmul minn Mario Bartolo, ħu l-attriċi u r-raġel u missier il-konvenuti Bartolo. L-attriċi qed tallega illi t-testment magħmul minn Mario Bartolo fl-20 ta' Jannar 2009 atti Nutar Carmelo Lia hu null u bla effett. Din l-allegazzjoni qed tiġi bażata fuq tliet premessi:

»a) li t-testment hu falz għax mhux iffirmat mill-mejjet Mario Bartolo;

»b) li t-testment jekk ffirmat min Mario Bartolo sar minnu meta ma kellux il-kapaċità fiżika u mentali li jagħmlu;

»ċ) li anki jekk kien kapaċi, Mario Bartolo ġie mġiegħel jagħmel it-testment bi frodi, ingann, qerq, theddid jew minaċċi u ma jir-rispekkjax l-intenzjoni ta' Mario Bartolo.

»Dawn l-allegazzjonijiet kollha huma respinti mill-konvenuti.

»Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawza huma s-segwenti. Mario Bartolo kien għamel testament fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras fl-10 ta' Novembru 2008 fejn ħalla b'titolu ta' legat il-ħanut u l-*garage* 30 u 32 Triq Santa Tereża, Bormla lil oħtu l-attriċi, filwaqt li ħalla lil martu Maria u lil uliedu Clayton u Marilyn eredi tiegħu. Hu fatt illi dan il-ħanut kien jappartjeni lill-familja ta' Mario Bartolo u kien jiġġestih sakemm marad fl-2008 meta jirriżulta li kienet tiġġestih oħtu u ibnu Clayton għalkemm jidher li l-flus tad-dħul kienu f'idejn oħtu tant li kienet tagħti somma fil-ġimgħa lil mart Mario Bartolo. Jirriżulta wkoll illi Mario Bartolo kien ibati mill-marda tad-dijabete li naqqsitlu d-dawl f'għanjejh u ftit wara kellu komplikazzjonijiet fil-kliewi fejn saħħtu ddgħajfet aktar. Xi xhur wara li għamel dan it-testment, Mario Bartolo kellu ripensament u qal b'dak li kien għamel lil martu u ibnu Clayton. Biddel it-testment u fl-20 ta' Jannar 2009 għamel testment permezz tan-Nutar Carmelo Lia li ressqu għandu missier il-mara ta' Mario Bartolo, *cioè* Carmelo Attard li kien ilu jaħdem bih għexieren ta' snin. Jidher li Carmelo Attard ġie mitlub isib nutar biex isir dan it-testment. Permezz ta' dan it-testment Mario Bartolo ħalla xi legati lil martu, fosthom il-

ħanut u *garage* in kwistjoni, u istitwixxa lilha u lil uliedu eredi[2]. Ma ħalla xejn lil oħtu. Sadattant saħħet Mario Bartolo baqgħet sejra għall-agħar u ftit ġranet qabel ma miet *cioè* fil-5 ta' Mejju 2009 għamel donazzjoni tal-ħanut u *garage* lil ibnu Clayton. Hu miet fis-16 ta' Mejju 2009.

»Din il-kawża tikkonċerna l-validità tat-testment għalkemm saret kawża għal rasha għall-annullament tad-donazzjoni fuq l-istess allegazzjonijiet, bejn l-istess kontendenti (rikors ġuramentat 57/2011). Il-qorti ser tillimita ruħha f'din il-kawża kif mitlub rigward il-validità tat-testment tal-20 ta' Jannar 2009.

»L-attriċi qed tfassal din il-kawża fuq tliet binarji li ser jiġu trattati għal rashom.

»1. Il-firma falza tal-mejjet Mario Bartolo fuq it-testment tal-20 ta' Jannar 2009

»Kull min jallega jrid jipprova dak li qed isostni u, sakemm ma tinġiebx prova tal-fatt allegat, il-konvenut ma għandux għalfejn jirribatti l-allegazzjonijiet miġjuba. F'dan il-każ, l-aktar persuna li tista' titfa' dawl fuq il-kwistjoni hu mejjet u għalhekk huma l-fatti ċirkostanzjali li ser jiddefinixxu l-verità tal-allegazzjoni. Il-kwistjoni di prinċipju hi waħda teknika li dwarha tqabbad espert tekniku mill-qorti, għalkemm, bħal kull prova teknika ġudizzjarja, din għandha tingħata piż bħala prova li ma għandhiex tiġi skartata bla raġuni oġġettivament valida. Il-perit tekniku … … … għamel rapport fil-31 ta' Awissu 2012 fejn, wara li kellu a disposizzjoni tiegħu diversi dokumenti, inkluż tal-isptar, u wara li kkompara l-firma ta' Mario Bartolo ma' oħrajn magħmulin minnu kemm qabel u fil-perjodu tat-testment, wasal għall-konklużjoni li l-firma fuq it-testment hi ta' Mario Bartolo minħabba diversi punti ta' konverġenza bejn din il-firma u oħrajn tal-istess Mario Bartolo fuq dokumenti oħra esebiti fl-atti. Anki fl-eskussjoni li saritlu din l-opinjoni baqgħet waħda kategorika.

»Jiġi rilevat illi dan it-testment sar fid-dar ta' Mario Bartolo f'Ħaż-Żabbar meta kien f'sodda fil-pjan terran taħt it-taraġ. Preżenti għat-testment kien hemm martu, żewġ xhieda ġirien, *cioè* Alex u martu Anna Dalli, u n-Nutar Carmelo Lia. Ilkoll qablu u kkonfermaw illi Mario Bartolo ffirma t-testment għalkemm kien marid. Hu ġie megħjun jitla' f'pożizzjoni bil-qiegħda fis-sodda u tpoġġa oġġett iebes li fuqu tqiegħed it-testment biex ikun jista' jiffirmah. L-attriċi ma kinitx preżenti għat-testment u ma tistax titfa' dawl negattiv fuq dawn il-provi. *Invece* bint Mario Bartolo, Marilyn, tixhed li kienet fid-dar meta sar it-testment.

»Jidher li ma hemmx konflitt ta' provi fuq dan bħala fatt. Marilyn tgħid li missierha kien f'sodda taħt it-taraġ u bintu Marilyn tistqarr li kienet dieħla u ħierġa mill-kċina xi metri 'l bogħod u hi ssostni li rat lil ommha tgħin lil żewġha biex jiffirma. Ma kinitx taf li ser isir it-testment u saret taf meta rat in-nutar id-dar. Tgħid però f'mument ieħor li n-nutar ġie xi drabi qabel id-dar biex jaraw kif ser isir it-testment u kif missierha kien ser jiffirma. Iżżid li missierha ma setax jagħmel mod ieħor billi kien f'sodda jiddependi minn ħaddieħor. In-nutar *invece* jixhed illi b'kollox mar għand il-familja Bartolo xi tlieta jew erba' darbiet, però, meta sar it-testment, preżenti taħt it-taraġ fejn kellu s-sodda Mario Bartolo kien

2 Fil-fatt bit-testment tal-20 ta' Jannar 2009 it-testatur ma ħalla ebda legat: li għamel hu li ħassar kull testment li għamel qabel, u ħatar lil martu weħedha bħala werrieta bis-sostituzzjoni ta' wliedu fil-każ li martu tmut qablu.

hemm biss il-konjuġi Bartolo u x-xhieda. Ma eskludiex però li bint it-testatur Marilyn kienet fid-dar.

»Jirriżulta mill-atti però li saru investigazzjonijiet mill-pulizija fuq din il-kwistjoni u ġew meħuda stqarrijiet kemm minn mart Mario Bartolo u x-xhieda għat-testment li sostnew li Mario Bartolo ffirma t-testment.

»Il-qorti mhix ser tidħol fil-mertu u r-raġuni wara x-xiehda ta' Marilyn Bartolo konfrontata ma' dik tax-xhieda l-oħra. Però dak li jirriżulta b'mod probabbli hu illi t-testment ġie ffirmat minn Mario Bartolo u illi l-firma tiegħu mhix falza kif ġie allegat. Dan jirriżulta kemm bħala prova xjentifika u mix-xiehda tal-konjuġi Dalli li ma rriżultax li għandhom xi interess fil-vertenza u sostnew ix-xiehda tagħhom anki meta ġew imsejħa mill-pulizija biex jagħmlu stqarrija.

»Għalhekk din l-allegazzjoni hi bla fundament.

»2. Allegazzjoni li Mario Bartolo ma hux fiżikament u mentalment kapaċi jersaq għat-testment u li, anki jekk kien, il-kunsens ġie karpit b'qerq, frodi jew ingann u fi kwalunkwe każ ma jirrispekkjax ir-rieda tat-testatur

»Din il-qorti tqis li dawn l-allegazzjonijiet ma jistgħux jissusistu flimkien, bħala talbiet magħmula, għax jew it-testatur ma kien kapaċi xejn għax milqut minn infermità mentali jew kien kapaċi jagħmel testament imma ġie ingannat biex jiġi favorit ħaddieħor. Iż-żewġ premessi ma jistgħux igħixu flimkien bla ma wieħed jeskludi lill-ieħor (ara <u>Joseph Galea *pen v.* Maria Camilleri</u>, App. 01/07/2005, u <u>Francesco Danastas *v.* Salvatore Danastas</u>, App. 28/05/1926 Vol. XXVI.i.498) u l-qorti ma għandhiex il-poter li tagħżel hi liema kawżali għandha tikkonsidra ad esklużjoni tal-oħra. Il-kawża hi tal-parti u, la darba ma speċifikatx b'mod ċar liema kawżali qed taddotta in sostenn tat-talba, din il-qorti hi prekluża milli tikkonsidra ebda waħda minnhom.«

7. L-attriċi appellat b'rikors tat-8 ta' Marzu 2017 li għalih wieġbu l-konvenuti Bartolo fit-30 ta' Marzu 2017 u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fit-3 ta' April 2017.

8. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk:

»Il-kwistjoni dwar in-natura tat-talbiet

»Tajjeb jingħad illi dina l-kawża giet deċiża mill-ewwel qorti flimkien ma' kawża oħra bl-istess ismijiet (rikors ġuramentat 57/2011). Bħala stat ta' fatt il-kawża li minnha qed jiġi intavolat dan l-appell tirreferi għal testment ta' ċertu Mario Bartolo illum defunt li sar fl-20 ta' Jannar 2009 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia; il-kawża numru 57/2011 tirreferi għal donazzjoni li l-istess Mario Bartolo għamel lil ibnu Clayton Bartolo u dan permezz ta' att pubbliku tal-5 ta' Mejju 2009 ippublikat fl-atti tal-istess Nutar Carmelo Lia.

»L-ewwel qorti, fil-waqt li ċaħdet it-talbiet attriċi fir-rigward tat-testment tal-20 ta' Jannar 2009 (li huwa mertu ta' dan l-appell), laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tad-donazzjoni tal-5 ta' Mejju 2009 u ddikjarat li l-

firma fuq l-istess donazzjoni kienet falza. Jingħad ukoll illi kemm it-testment kif ukoll id-donazzjoni ġew pubblikati min-Nutar Carmelo Lia.

»Dan l-aggravju jirrigwardja punt sollevat mill-ewwel qorti fl-aħħar seduta qabel il-prolazzjoni tas-sentenza, dwar il-mod kif saru t-talbiet fiż-żewġ kawżi. Fil-fatt dan il-punt ġie sollevat mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha fejn jingħad illi in kwantu għat-talbiet attriċi:

> »“Din il-qorti tqis li dawn l-allegazzjonijiet ma jistgħux jissusistu flimkien, bħala talbiet magħmula, għax jew it-testatur ma kienx kapaċi xejn għax milqut minn infermità mentali jew kien kapaċi jagħmel testament imma ġie ingannat biex jiġi favorit ħaddieħor. Iż-żewġ premessi ma jistgħux igħixu flimkien bla ma wieħed jeskludi lill-ieħor (ara Joseph Galea *pen v.* Maria Camilleri, App. 01/07/2005, u Francesco Danastas *v.* Salvatore Danastas, App. 28/05/1926 Vol. XXVI.i.498) u l-qorti ma għandhiex il-poter li tagħżel hi liema kawżali għandha tikkonsidra ad esklużjoni tal-oħra. Il-kawża hi tal-parti u, la darba ma speċifikatx b’mod ċar liema kawżali qed taddotta in sostenn tat-talba, din il-qorti hi prekluża milli tikkonsidra ebda waħda minnhom.”

»F’dan il-punt l-appellanti tiġbed l-attenzjoni ta’ dina l-Qorti tal-Appell illi l-appellati fl-ebda ħin ma ddifendew ruħhom b’xi eċċezzjoni f’dan is-sens, bħal ngħidu aħna n-nullità tar-rikors ġuramentat jew billi b’xi mod attakkaw il-validità tal-proċedura adoperata jew tat-talbiet kif dedotti. Anzi, bħala stat ta’ fatt, permezz tar-risposta ġuramentata tagħhom preżentata fid-19 t’April 2011, l-appellati laqgħu b’mod individwali għat-talbiet kollha tal-appellanti … … … Qed jingħad dan kollu peress illi l-appellati fl-eċċezzjonijiet tagħhom spezzettaw it-talbiet attriċi b’tali mod illi kull talba ġiet indirizzata b’mod individwali.

»Il-qrati tagħna kellhom l-okkażjoni f’diversi istanzi illi jippronunzjaw ruħhom f’kawżi simili fejn jiġu attakkati testmenti jew atti pubbliċi oħra.

»Fil-kawża fl-ismijiet Carmela Buttigieg *et v.* Carmen Agius deċiża b’sentenza preliminari mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Marzu 2010 jingħad illi:

> »“… lill-qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullità ritwali ta’ att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-qorti tifhem li fil-każ ta’ eċċezzjoni ta’ nullità tal-att (bħalma għandha quddiemha f’dan il-każ) hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullità li tkun imputabbli għal difett ta’ forma aktar minn wieħed ta’ sustanza (fis-sens ta’ żball jew nuqqas sostantiv), liema difett ma jkunx jista’ jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta’ ġustizzja proċedurali.”

»Hawnhekk il-qorti tirreferi għal żewġ sentenzi oħra in sostenn ta’ dak li qed tgħid u *cioè* Appell Kummerċjali fil-kawża fl-ismijiet Micallef *v.* Krogh Jacobsen (Kollez. Vol. LXXVIII.ii.172) deċiża fit-30.6.1994, u Appell Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Ellul *vs* Gera de Petri *et* (Kollez. Vol: LXXIX.ii.434) deċiż fil- 21.5.1995.

»L-istess qorti tkompli tgħid illi:

> »”… ma’ dan il-qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullità ta’ att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullità assoluta u dik relativa. F’tal-ewwel, il-qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f’tat-tieni. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet

> gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu rnill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purkè ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi."

»Dawn il-prinċipji gew konfermati wkoll fis-sentenzi fl-ismijiet Ludovico Magro *v.* Pio Zammit (mhix pubblikata) datata l-1.10.1910 u John Mallia *v.* Maria Assunta Borg *et* (mhix pubblikata) tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali tal-15.4.1977.

»Forsi aktar importanti minn hekk, l-istess qorti tkompli tgħid fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju. Biex rikors maħluf jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-appellanti.

»Kif rajna aktar qabel, dan ċertament ma kienx il-każ. L-appellati laqgħu b'mod speċifiku għat-talbiet kollha tal-attriċi u ċertament ma sofrew l-ebda ħsara jew preġudizzju għall-mod kif ġew impostati l-istess talbiet.

»B'mod partikolari għal xi allegata kontradittorjetà fit-talbiet, il-qrati tagħna fis-sentenza Borg *noe v.* Vincenti, Appell Ċivili deċiż fl-14.11.1949 qalu illi:

> »"ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet tal-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżami-nati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn Il-fattijlet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma intiżi għall-ottenlment tal-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni tal-att taċ-ċit-azzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, izda *se mai* turi in forza ta' liema drittijiet (*jus petendi*) l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda pre-ġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, il-għaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża."

»Ħarsa lejn it-talba tal-appellanti in kwantu għaż-żewġ atti pubbliċi tipprospetta sitwazzjoni fejn l-att pubbliku in kwistjoni huwa falz, mhux awtentiku u / jew sar minn persuna mhux kapaċi tagħmel testment u / jew sar bi frodi, qerq, ingann u / jew theddid u minaċċi u li fl kwalunkwe każ dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo.

»Hawnhekk jidħol element ta' sussidjarjetà tat-talbiet kif proposti.

»F'ċirkostanzi bħal dawn ġiet, f'kawżi oħra, sollevata l-eċċezzjoni tan-nullità skond l-artikolu 789(1)(*ċ*) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi illi "jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità – iżda dik l-eċċezzjoni għandha tintlaqa' biss "kemm-il darba dik il-vjolazzioni tkun

ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizziu illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat".

»Dan ċertament m'huwiex il-każ fiż-żewġ kawżi li qed isiru sottomissjonijiet fuqhom u dan anki b'ħarsa ħafifa lejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti stess.

»Hawnhekk issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Joseph Abela u martu Mary Abela *v.* Generoso *sive* Jimmy Sammut *et* deċiza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fid-29 t'April 2005, ikkonfermat sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Diċembru 2001 illi kienet tipprospetta talbiet identiċi għaż-żewġ kawżi mressqa mill-appellanti

»Fil-fatt il-każ Abela *v.* Sammut kien wiehed mill-ftit istanzi fejn il-qrati tagħna ddikjaraw testment ma jiswiex u ċertament fl-ebda stadju ma kien hemm kwistjoni ta' nullità tal-atti, minkejja li t-talbiet kif imressqa kienu identiċi għal kif ġew imressqa f dina l-kawża.

»Finalment jingħad illi t-talbiet ġew imressqa b'dan il-mod għax għalkemm l-appellanti kienet taf fiċ-ċert li fuq ħuha kienu għaddejjin manuvri familjarl biex iġegħluh jagħmel dak li ma jixtieqx, hija ġiet eskluża miċ-ċirku familjari b'tali mod illi hija kienet taf b'ċertezza li dak li allegatament għamel Mario Bartolo ma kienx jirrispekkja r-rieda ħielsa tiegħu u saħansitra kien hemm dubbji serji, kif fil-fatt irriżulta minn dina l-kawża, dwar jekk fil-fatt dawn l-atti għamilhomx Mario Bartolo nnifsu.

»Għalhekk l-appellanti tissottometti illi l-ewwel qorti kellha l-obbligu li tissindika t-talbiet kollha u mhux sempliċiment tiskartahom għax skond hi hemm element kontradittorju.«

9. Il-konvenuti Bartolo wieġbu hekk:

»Dwar l-ewwel aggravju l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif l-appellanti qed tinvoka dan l-aggravju li skond hi huwa dwar in-natura tat-talbiet tagħha u li skond hi l-ewwel qorti kellha l-obbligu li tissindaka t-talbiet kollha tagħha u mhux tiskartahom.

»Bir-rispett kollu l-ewwel qorti ma għamlet xejn minn dan u dana *stante* li t-talbiet tal-appellanti kienu tnejn u l-ewwel qorti ddeċidiet fuq iż-żewġ talbiet tal-istess appellanti.

»Dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ tallum din il-qorti trid toqgħod fuq dak li tinbena fuqu l-azzjoni attriċi. Issa jekk l-appellanti jidhrilha li l-ewwel qorti kellha tiddeċiedi skond kif hija għażlet li tagħmel l-ewwel talba tagħha *cioè* "li huwa falz u mhux awtentiku u/jew sar minn persuna mhux kapaċi tagħmel testament u/jew sar bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u minaċċi u li fi kwalunkwe każ dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrsipekkjax l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo"; bir-rispett kollu l-ewwel qorti ma kinetx obbligata tidħol f'kull raġuni li talbet l-appellanti għax fit-talba tagħha hija fformulata b'tali mod li raġuni waħda hija alternattiva għal oħra u mhux bilfors li jeżistu l-elementi kollha li semmiet u t-tieni ħaġa li l-ewwel qorti ddeċidiet li mhux minnu li huwa ma kienx kapaċi li jagħmel testament u dana wara li hija ġiet assigurata kemm mill-espert psikjatra Dr Peter Muscat li talbet l-appellanti u mill-espert

tal-kaligrafija li l-mejjet kien jaf x'inhu jagħmel, u li l-firma tat-testment kienu tiegħu.

»Kien fl-obligu tal-appellanti li tipprova kienx hemm frodi, qerq, ingann jew theddid u minaċċi iżda hija ma għamlet xejn minn dan. L-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza deċiża minn din l-qorti fl-ismijiet Emanuel Hayman *et v.* Mary Caruana *et* deċiza fis-6 ta' Frar 2015 (appell nru 1665/1999/1) fejn din il-qorti dahlet fid-dettali dwar x'jikkostitwixxi qerq, volontà u kapaċità u kkonkludiet ukoll *onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat* kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi … … …

»Għalhekk ma jistax jingħad li l-ewwel qorti ma ħaditx in konsiderazzjoniji l-ewwel talba kollha tal-appellanti.

»In kwantu għall-kontestazzjoni tal-validità ta' dan it-testment minħabba inkapaċità mentali, l-esponenti jagħmlu referenza għall-kawża fl-ismijiet Frank Cristiano *v.* Raymond Portelli (PA 31.05.2004) fejn ġie osservat hekk:

> »"Il-prinċipji li jappplikaw f'każijiet ta' impunjazzjoni ta' att minħabba inkapaċità mentali huma:
>
> »"1. illi l-kapaċità hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni u għalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapaċità liema presunzjoni hija *juris tantum*;
>
> »"2. illi huma inkapaċi dawk li fiż-żmien tal-att ma jkunux f'sensihom u illi l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid jimpunja l-att;
>
> »"3. illi biex persuna jkun kapaċi jagħmel att ma hemmx bżonn li jkun perfettament u rigorożament san minn moħħu, imma huwa biżżejjed li jkollu l-użu tar-raġuni fl grad tali li jippermettilu jkun jaf x'inhu jagħmel; biex tiġi stabbilita l-insanità mentali ta' persuna hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi;
>
> »"4. illi l-qrati tagħna dejjem kienu retiċenti li jammettu d-domandi biex jiġi annullat att minħabba insanità mentali jekk dik l-inkapaċità ma tkunx irriżultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li persuna kien qiegħed jagħmel l-att. (Vol. 34, p. 108 App. Vassallo *v.* Dr V. Sammut 34 ta' April 1950 u Vol. 30, p. I, pġ. 176 App. Formosa *v.* Axiak 20 ta' Ġunju 1938)."

»Għalhekk kif gie ritenut minn din il-qorti fl-kawża numru 646/2004 deċiża fit-30 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet Lawrence Attard *v.* George Attard *et*, "Il-massima tad-dritt probatorju, li min jallega jrid jipprova, teħtieġ li tiġi osservata fir-rigorożità tagħha iktar u iktar fejn wieħed mill-kontraenti li dwaru hi mibnija din l-kawża hu mejjet. Ir-rieda tiegħu murija fuq l-att bis-solennità kollha mistennija minn att pubbliku ma għandhiex tiġi disturbata jekk mhux wara li jinġiebu provi peżanti u univoċi li juru mod ieħor".

»Mill-*file* mediku tal-mejjet ma nġabet ebda prova tal-allegata inkapaċità mentali tal-mejjet kif lanqas irriżulta mir-relazzjoni tal-esperti mqabbda minn din il-qorti. Dan *oltre* x-xhieda prodotti mill-partijiet u speċjalment dawk prodotti rnil-konvenuti Bartolo li kollha xehdu li x-xewqa kienet tat-testatur li jagħmel dan it-testment. *Oltre* l-fatt li anke bint l-konvenuta Marilyn Bartolo li magħha l-konvenuti Bartolo ma

> għandhomx relazzjoni tajba wkoll iddikjarat li l-ħanut mertu ta' dawn il-problemi kollha, missierha kien offrieh lilha l-ewwel iżda hija rrifjutatu għax kellha xogħol fiss.
>
> »Għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.«

10. Evidentement il-konvenuti Bartolo la fehmu l-aggravju u lanqas fehmu l-motivazzjoni tas-sentenza dwar l-"allegazzjoni li Mario Bartolo ma hux fiżikament u mentalment kapaċi jersaq għat-testment … … …", li hija l-parti tas-sentenza milquta b'dan l-aggravju.

11. L-ewwel qorti ma ċaħditx it-talba relativa għal din il-kawżali għax dehrilha illi l-atturi ma ressqux provi dwarhom, kif milli jidher fehmu l-konvenuti Bartolo; fil-fatt il-qorti ma ċaħditx it-talba iżda biss ma qisithiex għax dehritilha internament inkonsistenti, u hija din id-deċiżjoni li ma tqisx it-talba illi hija impunjata f'dan l-aggravju li b'ebda mod ma ġie ndirizzat mill-konvenuti Bartolo.

12. Fil-fehma ta' din il-qorti l-aggravju jistħoqq li jintlaqa'. Din il-qorti ma tara ebda inkonsistenza fil-kawżali. Huwa minnu illi persuna li hija nieqsa għal kollox minn kapaċità mentali ma tistax tiġi mqarrqa, għax il-qerq jaħdem fuq il-kapaċità ta' intendiment, u fejn ma hemmx dik il-kapaċità ma hemmx fuq x'hiex jaħdem il-qerq; iżda bniedem jista' jkollu kapaċità mnaqqsa u mhux għal kollox assenti, u din il-kapaċità menomata tagħmlu aktar sux-xettibbli li jiġi mqarraq jew li jċedi għat-theddid, kif sewwa josservaw l-atturi fir-rikors tal-appell illi "d-deterjorament tal-istat ta' saħħa ta' Bartolo … … … seta' wkoll assoġġettah għal manipulazzjoni". Għalhekk ma hemm ebda inkonsistenza li tissemma kemm l-inkapaċità u kemm il-qerq u theddid. Barra minn hekk, kif wara kollox josservaw il-konvenuti Bartolo stess fit-tweġiba tagħhom, it-talba "hija fformulata b'tali mod li raġuni

waħda hija alternattiva għal oħra u mhux bilfors li jeżistu l-elementi kollha"; *se mai* ma tistax tikkonkludi kemm li bniedem kien totalment inkapaċi mentalment u kemm li fl-istess ħin ġie mqarraq, iżda ma hemm xejn xi jżomm milli ssemmi kawżali jew oħra bħala raġuni ta' nullità, sakemm dan ma jkunx ta' preġudizzju għad-dritt tad-difiża, li b'ebda mod ma ntwera li huwa l-każ.

13. Din il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx xieraq illi tabdika mid-dmir li tqis il-kawżali kollha mressqa mill-atturi, aktar u aktar fid-dawl taċ-ċirkostanza preokkupanti illi fil-kawża 57/2011 irriżulta mir-rapport tal-espert tal-kitba illi l-firma fuq l-att ta' donazzjoni tal-5 ta' Mejju 2009 (għalkemm mhux ukoll fuq it-testment tal-20 ta' Jannar 2009) hija falza.

14. Billi iżda l-ewwel qorti xejn ma qieset dawn il-kawżali, u meqjusa wkoll l-gravità tal-allegazzjonijiet tal-attriċi, din il-qorti hija tal-fehma illi ma għand-hiex iċċaħħad lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame* u għalhekk, qabel ma tippronunzja ruħha dwar dan il-meritu, ikun aktar xieraq illi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex tqis dawn il-kawżali wkoll.

15. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata; tikkonfermaha fejn ċaħdet it-talbiet tal-attriċi fuq il-premessa illi t-testment impunjat huwa "falz, mhux awtentiku" iżda tħassarha fejn ma qisitx l-istess talbiet fuq il-premessa illi l-istess testment "sar minn persuna mhux kapaċi tagħmel testment u/jew sar bi frodi, qerq, ingann u/jew theddid u minaċċi u li fi kwalunkwe każ dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo", u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex tqis dawn il-premessi wkoll.

16. Dwar l-ispejjeż tal-ewwel grad ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali; l-ispejjeż ta' dan l-appell jinqasmu bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm